S

FIT-TRIBUNAL TA' REVIZJONI TAL-AMBJENT U L-IPPJANAR

---

Applikazzjoni numru: PA/1104/22
Sit: Alcove Bakery, 6, Triq San Guzepp, Qormi
Deskrizzjoni tax-xoghol: To un-block, the existing right-hand side opening from a window to a door to create a separate entrance to the preparation area of a pre-1967 bakery, change existing aluminium apertures to timber apertures and install a hand-painted timber sign over the door.
Applikant: Mr. Jonathan Spiteri
Perit: Perit Benny Cortis
Data tal-Pubblikazzjoni tad-Decizjoni: 18 ta' Mejju 2022

---

ENVIRONMENT AND PLANNING REVIEW TRIBUNAL
RECEIVED
10 JUN 2022
ST. FRANCIS DITCH FLORIANA

JONATHAN SCHEMBRI (KI NRU. 557286M) U LEXANIA SCHEMBRI (KI NRU. 0088386M)

VS.

L-AWTORITA TAL-IPPJANAR

<u>RIKORS AI TERMINI TAL-ARTIKOLU 33 TAL-KAPITOLU 551 TAL-LIGIJIET TA' MALTA SOTTOMESS</u> minn JONATHAN SCHEMBRI (KI NRU. 557286M) U LEXANIA SCHEMBRI (KI NRU. 0088386M)

Jesponu bir-rispett:

1. Illi l-applikant ipprezenta applikazzjoni (Reception Date: 6 ta' Frar 2022) ghal *To un-block, the existing right-hand side opening from a window to a door to create a separate entrance to the preparation area of a pre-1967 bakery, change existing aluminium apertures to timber apertures and install a hand-painted timber sign over the door.*

2. lli r-rikorrenti li ghandhom ir-residenza taghhom proprju faccata tal-fond in kwistjoni issottomettew ir-rapprezentazzjoni bil-miktub taghhom kif stabbilit mill-Awtorita' tal-Ippjanar il-Kapitolu 552 tal-Ligijiet ta' Malta fil-21 ta' Marzu 2022;

3. Illi permezz ta' decizjoni deciza fit-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) u ippubblikata fit-tmintax (18) ta' Mejju tas-sena

elfejn u tnejn u ghoxrin (2022) l-Awtorita tal-Ippjanar harget il-permess odjern;

4. Illi r-rikorrenti hassew ruhhom aggravati bid-decizjoni u intavolaw appell kontestwalment ma dan ir-rikors;

5. Illi konsegwentement ir-rikorrenti jitolbu lil dan it-Tribunal jissospendi permezz ta' deċiżjoni parzjali, b'mod sħiħ jew f'parti minnu, l-eżekuzzjoni tal-permess PA 1044/22, sakemm tingħata deċiżjoni mill-istess Tribunal, taħt dawk it-termini, kondizzjonijiet u miżuri oħra li jidhirlu xieraq:

   a. Illi dan il-permess jirrigwardja tibdil fil-faccata senjatament bdil f'apertura minn tieqa ghal bieb filwaqt li jippresupponi li l-uzu tal-fond in kwistjoni huwa pre-1967 bakery;

   b. Illi kif jidher mir-rikors tal-appell qed jigi kkontestat li tali fond huwa a pre-1967 bakery u dan ghar-ragunijiet imsemmija fl-istess appell fosthom izda mhux limitatament minhabba li ma ngabet ebda prova li huwa pre-1967 u kif ukoll ma ngabet ebda prova permezz ta' trade license valida u vigenti fuq l-imsemmi fond;

   c. Illi sfortunatament minkejja li ghadu ghaddej it-terminu tal-appell, l-applikant diga ghamel uzu mill-forn in kwistjoni fejn beda hiereg duhhan tossiku iswed mic-cumnija tal-fond in kwistjoni u dan b'detriment ghas-sahha tal-appellanti u uliedhom li jghixu proprju faccata tal-fond in kwistjoni (Vide ritratt anness u mmarkat DOK. A);

   d. Illi dan kollu sar minkejja li skond l-pjanti tal-applikazzjoni gie ddikjarat li tali cumnija ser tkun qed taderixxi mal-Policy P53 tad-DC15;

   e. Illi konsegwentement r-rikorrenti isofru pregudizzju kbir b'detriment ghas-sahha taghhom u ta' uliedhom li ghadhom minuri;

   f. Illi inoltre dan il-fond huwa pjuttost wiehed antik u sabiex it-tieqa tinfetah bieb bilfors iridu jsir alterazzjoni strutturali li mhux facli li wiehed ireggahom lura f'kaz li jintlaqa' l-appell tar-rikorrenti u dan bi hsara ukoll ghall-binja nnifisha u ghall-karatteristici tat-Triq li jinsab fiha l-fond li proprju jinsab f'Urban Conservation Area;

g. Illi konsegwentement l-preġudizzju kkawżat jekk ma jigiz sospiz l-ezeukuzzjoni tal-permess ikun sproporzjonat u ferm ikbar kontra r-rikorrenti meta mqabbel mal-preġudizzju li jista jkollu l-applikant. Fil-fatt fil-fehma umli tar-rikorrenti ma tantx hemm pregudizzju x'jista' jsofri l-applikant jekk jigi sospiz tal-ezekuzzjoni tal-permess in kwantu l-uzu tal-fond u in kwantu tieqa tigi bieb;

h. Illi jigi specifikat illi r-rikorrenti ma humiex qed jitolbu l-ezekuzzjoni tal-permess in kwantu titwahhal tabella u/jew l-aperturi tal-aluminium isiru tal-injam;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq esposti ir-rikorrenti umilment jitolbu lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jissospendi permezz ta' deċiżjoni parzjali, b'mod sħiħ jew f'parti minnu, l-eżekuzzjoni tal-permess PA 1044/22, sakemm tingħata deċiżjoni mill-istess Tribunal, taħt dawk it-termini, kondizzjonijiet u miżuri oħra li jidhirlu xieraq.

**Avv Alicia Borg**
*257, Triq il-Kbira, Hal Qormi*

Appellanti: Sacre Cuor, Triq San Guzepp, Hal Qormi

Dok. A

